MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 52/2002/3

**Anthony Borda**

**vs**

**Paul Galea**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponent jikri lill-intimat il-garage numru 18 gewwa Marina street, Kalkara versu l-kera ta’ Lm45 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem fl-1 ta’ Awissu l-ahhar skadenza ghalqet fl-1 ta’ Awissu, 2001;

Illi l-imsemmi garage jinkera sabiex tigi parkeggjata l-vettura privata tal-inkwillin;

Peress illi l-garage de quo ilu zmien twil jinzamm maghluq u kwindi ma ghadux jintuza ghall-iskop originali li ghalih inkera;

Peress illi l-imsemmi garage thalla jaqa' fi stat zgingat u abbandun b'nuqqas ta' manutenzjoni ordinarja;

Peress illi r-rikorrent ghandu bzonn il-garage de quo ghall-uzu personali tieghu u ghal membri ohra tal-familja tieghu;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu ghal wahda jew aktar mir-ragunijiet premessi tordna lill-intimat biex fi zmien qasir u perentorju jizgombra l-barra mill-imsemmi garage u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrent biex fl-istess zmien jirriprendi l-pussess liberu u vakanti tal-garage de quo.

Ra r-risposta

Illi l-kirja moghtija lilu tal-fond de quo ghadha vigenti u l-kirja hija wahda valida u m'hemm l-ebda raguni ghala l-intimat ghandu jitkecca mill-fond in kwistjoni;

Illi mhux minnu li l-fond in kwistjoni qatt intuza biex tigi parkeggjata karozza. Il-fond in kwistjoni fih ghatba gholja u ma tistax tidhol karozza fih;

Illi l-fond in kwistjoni inkera lill-intimat zmien twil ilu sabiex jaghmel fih xoghol konness ma' tiswijiet ta' dghajjes, xoghol li ghadu jaghmlu sa llum;

Ghaldaqstant l-intimat jitlob umilment li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrih.

Ra l-verbal tas-17 ta' Ottubru, 2002 fejn il-partijiet ittransigew il-kawza u talbu sentenza skond il-ftehim milhuq.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond/garage numru 18 gewwa Triq Marina, l-Kalkara.

Ghall-fini ta’ tkeccija jaghti sitt (6) xhur zmien m’illum; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.  Il-verbal tas-17 ta’ Ottubru, 2002 jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------